KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

# LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

## L-ERBGĦA 25 TA' FRAR, 2015

## RAPPORT AMMINISTRATTIV

## GĦAL-PERIJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2014

Din hija t-tielet u l-aħħar sena sħiħa tal-leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Fil-fatt din il-leġislatura ser tispiċċa fit-30 ta' April, 2015 u għalhekk dan huwa l-aħħar rapport amministrattiv ta' din il-legislatura. Irid jingħad ukoll li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri ser ikun qed jirtira mill-kariga tieghu fil-31 ta' Marzu, 2015. Inħarġet sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv ġdid u f'dawn il-ġranet ser jiltaqa' l-Kumitat tal-Għażla maħtur mill-Kunsill sabiex jevalwa l-applikazjonijiet li daħlu għal din il-kariga.

Fl-aħħar rapport amministrattiv l-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma x'kienu l-akbar żewġ sfidi li kellu jħabbat wiċċu magħhom fil-qasam amministrattiv. Dawn kienu (1) Nuqqas ta' Staff adekwat u (2) Nuqqasijiet serji fiż-żamma ta' kontabilita tal-finanzi tal-Kunsill. Dawn it-tnejn issa ġew solvuti bl'ingaġġ ta' żewg skrivani, waħda 'accounts clerk' u oħra bħala 'customer care clerk'. Żewġ skrivani ġew imħarġa fl-użu tal-accounting software (sage) u dawn qed jaħdmu ferm tajjeb taħt is-sorveljanza tal-accountant l-ġdid is-Sur Daniel Galea (hawn preżenti) li beda f'din il-kariga fil-15 ta' Novembru, 2013. Is-Sur Galea kellu jagħlaq ukoll il-kontijiet għas-sena 2013 b'diffikulta kbira minħabba nuqqasijiet serji fiż-żamma tal-kontijiet fit-tliet snin ta qabel l-2013 minn min kien responsabbli qablu. Dawn in-nuqqassijiet kienu ġew irraportati fid-dettall fl-aħħar rapport amministrattiv.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

- **Laqgħat tal-Kunsill**

Saru 11 il-laqgħa tal-Kunsill u l-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 11 | | |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 11 | | |
| Kunsillier Alexander Muscat | 10 | 1 | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 9 | 1 | 1 |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 3 | 7 | 1 |
| Kunsillier Mario Sammut | 9 | 1 | 1 |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri ( mit-30.04.2014-) | 7 | 1 | |
| Kunsillier James Cassar | 10 | 1 | |
| Kunsillier Keith Cassar | 11 | | |
| Kunsillier David Meilak | 7 | 3 | 1 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 10 | 1 | |
| Kunsillier Kirby Fenech (sal-20 ta Frar 2014) | | 2 | |

- **Ilmenti.**

Kif jiġi rrapurtat kull sena, l-amministrazzjoni jkollha tiffaċja kwantita ta' Ilmenti ta' kuljum. Dawn ivarjaw min rapporti ta' ħofor fit-toroq, sa problemi ta' drenaġġ u ilma tax-xita, nuqqas ta' dawl u lampi maqtugħin fit-toroq, sinjali tat-traffiku, u elf ħaġa oħra. Is-soluzjoni għal-dawn il-

- **Prattiċi tax-Xogħol**

Dawk li huma prattiċi tax-xogħol (work practices) sar progress kbir f'dik li hija dixxiplina u proċedura fejn għandu x'jaqsam xogħol amministrattiv. Naturalment, dejjem hemm lok għal-aktar progress u li kull membru tal-istaff jagħti s-sehem tiegħu kollu.

- **Finanzi**

Bla dubju ta' xejn kull kunsill lokali f'Malta u Għawdex irid iħabbat wiċċu ma' kif jista jagħmel aktar xogħolijiet u jagħti aktar servizzi fil-lokalita tiegħu bl-istess ammont ta' flus li jirċievi mill-gvern ċentrali. Il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta miljun u tnax il-elf ewro għas-sena 2014 mill-gvern centrali. Ma dawn kien hemm ammont ta' 2,699 ewro li l-Kunsill irċieva minn skemi tad-dipartiment tal-gvern lokali u 82,220 ewro mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Sar sforz kbir b'suċċess mill-amministrazjoni sabiex jinġabru aktar fondi min sorsi oħra. Dawn ammontaw għas-somma ta' 121,899. Anness ma dan ir-rapport hawn skeda ta' kif daħlu dawn il-fondi. Il-Kunsill irnexxielu jagħlaq is-sena 2014 b'bilanċ posittiv ta' 6,879 euro. Bilanċ żgħir imma li nistgħu wkoll nsejħulu 'suċċess kbir' meta wieħed jikkompara mas-sitwazjoni li sab ma wiċċu dan il-Kunsill fil-bidu tal-leġislatura. Meta wieħed janalizza l-'balance sheet' is-sitwazjoni ma hix daqstant felici minħabba li hemm 'commitments' ġejjin mill-passat u li għalihom għadha ma nstabitx soluzjoni. Qed nirreferu għal-bilanċi dovuti fuq xogħolijiet li kienu saru fi Pjazza Rotunda u f'ta' Mlit. Dawn huma suġġetti għal-litigazjoni fil-qorti.

problemi mhux dejjem tiddependi mill-amministrazjoni tal-Kunsill imma nista naċċerta lir-residenti Mostin li l-amministrazjoni tagħmel min kollox sabiex tissodisfa t-talbiet tar-residenti. Kif semmejna aktar qabel hemm ukoll il-kwistjoni ta' nuqqas ta' finanzi. Dan minbarra nuqqas ta koperazjoni, jew aħjar dewmien ta' azzjoni minn xi entitajiet konċernati.

- **Affarijiet Oħra.**

Progetti, attivitajiet, u servizzi li saru matul is-sena 2014 ser jigu trattati fir-rapport li qed jigi ippreżentat mis-Sindku.

- **Konklużjoni.**

Nixtieq nispiċċa dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja l-ewwel u qabel kollox lis-Sindku, Dr. Shirley Farrugia u lill-kunsilliera kollha tas-support li tawni matul dawn it-tliet snin kif ukoll lill-istaff kollu tal-Kunsill għal-kooperazjoni tagħhom. Jien inħoss li fil-kariga tiegħi ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv għamilt dak kollu li stajt u ddedikajt ħin aktar milli jien kont obligat imma dan għamiltu b'sodisfazjon u b'imħabba lejn il-lokal li twelid u ngħix fih. Nispera li xi ftit tad-differenza għamilt u nawgura l-ħidma t-tajba lill-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv li f'April li gej ser jieħdu t-tmexxija tal-Kunsill f'idejhom. Dan sabiex naraw Mosta dejjem aħjar.

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv